# Doqqli Doqqli

minn Carmen Azzopardi

Doqqli Doqqli,
ħallini nisimgħek.
Għajnejja jinfetħu
b'kantatek inqum.
Għannili l-bxara
li fil-ħin qed tiġri,
jew inkella
x'ser jiġri llum.

Doqqli doqqli,
nebbaħni b'ħossok,
il-koppja li żżewġu
min miet ser ikun midfun.
Mill-bieb tal-knisja
għas-sala jew ċ-ċimiterju
b'leħnek bxara l-ferħ
jew bikja għall-qabar miżjud.

Doqqli doqqli,
f’jum il-festa.
Għall-marċi u l-purċissjoni.
Żid ma’ tagħhom
il-ħoss kbir tiegħek,
leħnek sod
u wara xulxin
eżatti n-noti.

Doqqli doqqli,
ja maestuża Qanpiena.
Kantali bit-tokki l-vers.
Żommni mgħanqa miegħek
bl-għajta ta’ ilsienek.
Tgħarraf ġo moħħi
s-siegħa tal-ħin ġo ħsiebi,
ma jmurx ser jiġri inkun insejt.

Doqqli doqqli.